MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 363/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**AZ Ink company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u tmienja u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu (LM3,698.50,0), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21224315, 21238892, 21270760, 21243292, 21244527, 21224215 u 21224883 dana skond kif jidher mill-**

**annessi dokumenti mmarkati Dok. A, b, C, D, E, F, G, H, I, B, J, K, L, M u N;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-1 ta' Novembru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------